**IL-KNISJA TA' ĦAL LUQA**

Fl-okkażjoni tat-375 sena minn mindu laħqet Parroċċa
U 225 mill-Konsagrazzjoni

Karbet il-ġebla mistura fl-għammieq
Imsawwra biż-żmien. U tgħammxet f'żerniq
Ġdid mikxuf beraħ. U ferrxet riħitha
Marsusa. Biddlitha ħerqana suritha.

Il-ġebla ratba bħal qaddeja umli
Qagħdet għan-naġra bil-qies u l-imħabba.
U ħelwa intelqet mitlufa fil-bidla
Tal-iskalpell jonqoxha u biha trabba

Ġieħ ġdid imsejjaħ Tempju tal-Mulej.
Il-karba tal-ġebla inbidlet f'talba.
Riħitha mfewħa iddakret mil-balzmu
U ż-żejt u l-inċens ta' qima 'l Feddej.

Dar-tempju mqaddes imżejjen b'Apposltu,
Ewlieni kien li emmen fil-Messija.
Il-Ħalluqin għażluh bħala patrun
Tal-Knisja tagħhom, Martri Sant'Andrija.

Kull ġebla f'dan it-Tempju għandha storja
Marbuta ma' dar-raħal u l-Parroċċa.
Tiftakar l-ewwel ġebla, ġebla ġebla,
Jinbidlu fl-ewwel tempju b'ġieħ u glorja.

Dan kien qabel l-Assedju. Issa jidwi
Ma' kull altar u ħnejja, digriet ġdid
Bil-firma ta' Urbanu Tmienja, Papa,
Li l-Knisja ta' Ħal Luqa tikseb ġid

Magħrufa bħal Parroċċa u mifruda
Minn Birmiftuħ. Dun Wistin Cassia laħaq
l-ewwel min għadd ta' Kappillani mħeġġa
li ħadu ħsieb l-erwieħ lilhom miżjuda.

Kien xieraq, kif mistenni, li Ħal Luqa
Ikollu Knisja ġdida. Tlestiet, tbierket,
U kif jixraq lit-Tempju tal-Mulej
Ikun ikkonsgrat f'ġieħ il-Feddej.

Dan seħħ fi żmien Labini. Kien l-Avvent
Elf seba' mija tlieta u tmenin.
Balzmu u żejt u nċens tħalltu mal-ġebla
Mat-talb episkopali b'mod divin.

Il-Knisja kompliet tikber u tissebbaħ
Sakemm f'jum kiebi fl-eqqel l-eħrex gwerra
Il-Knisja nqerdet u iġġarfet. Bkiet
Kull ġebla li sawwirtha, li ħaddnitha.

Illum hawn hi mill-ġdid, ġebla fuq ġebla,
Turija tal-kuraġġ u tal-imħabba
Lejn dan l-Appostlu li fi Kristu emmen
U f'qalb il-Ħalluqin għadu jitrabba.

Dan tfakkar tul iż-żmien, mar-riħa mfewħa
Ta' balzmu, żejt u nċens dil-Knisja għażiża,
Kif jidwi l-kant u t-talb mimli foħrija
Lil Alla Mbierek u 'l Qaddis Andrija.

**Ġorġ Peresso**
12 – XII - 2008